Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar It-trasport bit-triq — ħinijiet tax-xogħol għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom

(2009/C 27/12)

Nhar l-20 ta' Novembru 2007, l-Uffiċċju tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29 A tad-diżpozizzjonijiet implimentattivi tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni addizzjonali dwar

"It-trasport bit-triq — ħinijiet tax-xogħol għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom".

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar il-5 ta' Ġunju 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Chagas ([1]), sostitwit mis-Sur Curtis.

Matul l-446 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fid-9 u l-10 ta' Lulju 2008 (seduta tad-9 ta' Lulju 2008), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'121 vot favur, 14-il vot kontra u 6 astensjonijiet.

1. **Konklużjonijiet**

1.1 Il-KESE jemmen li s-sewwieqa kollha li jaħdmu għal rashom għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE kif previst fl-Artikolu 2 tagħha (mit-23 ta' Marzu 2009 'l quddiem).

1.2 Din l-inklużjoni titlob traspożizzjoni korretta tad-Direttiva mill-Istati Membri, b'mod partikolari fejn tidħol id-definizzjoni ta' sewwieq li jaħdem għal rasu.

1.3 Il-KESE iqis li l-inklużjoni ta' dawn is-sewwieqa hija meħtieġa sabiex tippromovi s-sigurtà fit-toroq, trawwem il-kompetizzjoni ġusta u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli u li jaħdmu għal rashom — b'mod partikolari s-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Huwa mifhum li l-kompiti amministrattivi ġenerali kif deskritti fid-direttiva (Artikolu 3, a-2) m'humiex inklużi fid-definizzjoni ta' ħin tax-xogħol.

1.4 Għall-KESE, suq intern Ewropew tat-trasport bit-triq jeħtieġ sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet huma l-istess għal kulħadd, mibnija fuq l-applikazzjoni effettiva u prattika tal-leġislazzjoni soċjali marbuta ma' dan is-settur. Il-ħolqien ta' distinzjoni fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-ħinijiet tax-xogħol bejn il-ħaddiema mobbli u dawk li jaħdmu għal rashom jikkontribwixxi għal kompetizzjoni inġusta. Għal din ir-raġuni, il-KESE ma' jistax jaċċetta l-possibbiltà li jiġu inklużi biss is-sewwieqa "li jaħdmu għal rashom foloz" fl-ambitu tad-direttiva.

1.5 Biex jilqa għad-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' l-inklużjoni ta' dawn is-sewwieqa, il-KESE jirrakkomanda li r-responsabbiltà tinqasam bejn l-operaturi differenti fil-katina tat-trasport, bħalma hu l-każ fir-regolament dwar il-ħin tas-sewqan u l-ħin tal-mistrieħ.

1.6 Il-KESE jinnota li biex id-direttiva tiġi implimentata bmod effettiv, jeħtieġ bilfors li titħeġġeġ i-kooperazzjoni fil-livell Ewropew bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali differenti.

1.7 Il-Kumitat jemmen li l-inklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fl-ambitu tad-direttiva ma' għandhiex twassal għal kompiti amministrattivi żejda li jkunu ta' piż żejjed fuqhom.

2. **Daħla**

2.1 Il-KESE diġà ħadem ħafna fuq il-politika Ewropea dwar is-sigurtà fit-toroq u kiseb kompetenza solida fdan is-suġġett. Fl-aħħar opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu "Il-Politika Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq u s-Sewwieqa Professjonali — Postijiet ta' l-ipparkjar sikuri u protetti" (TEN/290) ([2]), il-Kumitat indirizza l-kwistjoni importanti taż-żoni ta mistrieħ għas-sewwieqa professjonisti, bħala parti mill-politika ta' l-infrastuttura tat-toroq. Madankollu, il-ħin tax-xogħol tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom huwa suġġett ieħor li huwa importanti ħafna u li jikkumplimenta l-opinjoni dwar il-postijiet ta' l-ipparkjar sikuri u protetti. L-aspetti ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà differenti għadhom ma' ġewx indirizzati kif xieraq fil-livell Ewropew. Din l-opinjoni addizzjonali tfasslet ukoll breazzjoni għar-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi ta' l-esklużjoni tax-xufiera li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, COM(2007) 266 finali.

2.2 Id-Direttiva 2002/15/KE tistabbilixxi f'dik li hija organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol sabiex tittejjeb il-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u biex ikun hemm kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni. Din id-direttiva daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2002 u l-Istati Membri kellhom tliet snin, sat-23 ta' Marzu 2005, biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ħaddiema mobbli. Skond l-Artikolu 2(1) tad-direttiva, id-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom mit-23 ta' Marzu 2009. Sadanittant, il-Kummissjoni kellha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u wara proposta leġislattiva bbażata fuq ir-rapport.

([1]) Membru li rreżenja

([2]) ĠU C 175 tas-27.7.2007, pp. 88-90.

2.3 Bħala parti mill-ftehim ta' konċiljazzjoni finali li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar din id-direttiva, ġie konkluż li mhux aktar tard minn sentejn qabel din id-data, iġifieri sat-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li janalizza l-konsegwenzi ta' l-esklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva fdik li hija s-sikurezza fit-toroq, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni, l-istruttura tal-professjoni kif ukoll l-aspetti soċjali. Ir-rapport għandu jqis iċ-ċirkostanzi f'kull Stat Membru fir-rigward ta' l-istruttura tas-settur tat-trasport, kif ukoll ta' l-ambjent tax-xogħol fil-professjoni tat-trasport bit-triq.

2.4 Fuq bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta bil-għan li (a) tistipula l-proċeduri għall-inklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom li jwettqu attivitajiet ta' trasport purament nazzjonali biss u li jaffaċjaw limiti speċifiċi; jew (b) ma' tinkludix is-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fl-ambitu tad-direttiva.

2.5 L-Artikolu 7(2) tad-direttiva talab ukoll lill-Kummissjoni biex, sat-23 ta' Marzu 2007, tevalwal-konsegwenzi tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar ix-xogħol ta' bil-lejl fil-kuntest tar-rapport biennali li hija obbligata li tipprovdi dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva.

3. **Ir-rapport tal-Kummissjoni**

3.1 Skond il-Kummissjoni, ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istat attwali ta' l-implimentazzjoni tad-direttiva mill-Istati Membri, jindirizza l-konsegwenzi li jista jkollha l-esklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tagħha u jevalwa l-konsegwenzi tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar ix-xogħol ta bil-lejl.

3.2 L-ewwel konklużjoni hija li l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ma' rnexxilhomx jittrasponu d-direttiva fil-perjodu ta' tliet snin li ngħata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li għadha mhijiex f'qagħda li toħroġ l-ewwel rapport biennali tagħha, li li kien ippjanat għal Marzu 2007.

3.3 Fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-esklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom, il-Kummissjoni tfakkar ir-raġunijiet li għalihom hija kienet ipproponiet li jiġu inklużi: ir-regolament dwar il-ħin tas-sewqan u l-ħin tal-mistrieħ ma' jagħmilx din it-tip ta' distinzjoni bejn is-sewwieqa; biex jiġi evitat ir-riskju ta' frammentazzjoni billi s-sewwieqa jiġu mħeġġa jsiru "għal rashom foloz"; u biex jiġi żgurat li l-għanijiet tal-kompetizzjoni ġusta u t-titjib tas-sikurezza fit-toroq u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jiġu applikati għas-settur kollu kemm hu.

3.4 Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' rapport imħejji minn konsulenti esterni, il-Kummissjoni tagħraf li l-għeja u l-konsegwenzi tagħha għas-sikurezza fit-toroq jistgħu jolqtu lil kwalunkwe sewwieq, sew jekk ikun ħaddiem għal rasu u sew jekk ikun mobbli. Barra minn hekk, ir-rapport ikkonferma wkoll li s-sewwieqa li jaħdmu għal rashom jaħdmu sigħat itwal mill-ħaddiema mobbli impjegati fis-settur tat-trasport bit-triq, u li dawn iż-żewġ kategoriji jaħdmu aktar minn ħaddiema fsetturi oħrajn.

3.5 Filwaqt li jagħraf li "Bla dubju, tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol jista' jgħin biex inaqqas l-għeja", ir-rapport estern jikkonkludi wkoll li, "Dan jista jwassal, madankollu, għal livelli ogħla ta' stress, għax ix-xufier li jaħdem għal rasu jipprova jlaħħaq aktar f'inqas ħin biex ma' jitlifx mill-profittabbiltà tiegħu, sitwazzjoni li min-naħa tagħha tkun tista' twassal għal aktar għeja u aktar inċidenti". Il-Kummissjoni jidher li hija ta' l-istess fehma.

3.6 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni taċċetta l-konklużjonij tar-rapport li l-esklużjoni ta' min jaħdem għal rasu tkun xprun biex ix-xejra attwali tkompli miexja lejn frammentazzjoni u li din ma' għandhiex ikollha impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni fl-industrija. Min-naħa l-oħra, l-inklużjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom twassal għal żieda fil-piż finanzjarju u għal tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol, u għaldaqstant, jitnaqqas sostanzjalment il-vantaġġ kompetittiv tal-ħaddiema għal rashom fl-industrija tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Għaldaqstant il-Kummissjoni tidher favur l-alternattiva li s-sewwieqa li jaħdmu għal rashom "foloz" biss għandhom ikunu soġġetti għad-direttiva.

3.7 Il-Kummissjoni tqis ukoll li, "filwaqt li jista' jkun preferibbli li jibqgħu eskluži għal raġunijiet ekonomiċi, l-impatti soċjali possibbli ta' l-esklużjoni jew l-inklużjoni jidhru inqas ovvji. L-esklużjoni aktarx li ma' tgħinx biex ittaffi l-problemi tas-saħħa u tas-sikurezza; min-naħa l-oħra, l-inklużjoni tista' toħloq aktar stress u aktar piż amministrattiv għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif ukoll tnaqqis fid-dħul tagħhom".

3.8 Finalment, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-inklużjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom tista' toħolqilhom ħafna aktar stress emozzjonali u diffikultajiet finanzjarji u tista' tkun diffiċli biex tiġi infurzata, u għaldaqstant ma' tkunx effettiva.

3.9 Fejn tidħol l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ix-xogħol ta' bil-lejl, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-aspett tal-kontroll ta' l-infurzar tar-regoli jixraqlu analiżi aktar fil-fond.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-Kumitat jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-konsegwenzi ta' l-esklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol ta' persuni li jwettqu attivatijiet mobbli ta' trasport bit-triq.

4.2 Skond numru ta' partijiet interessatti, l-esklużjoni tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva ħolqot distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-settur tal-ġarr fit-triq, li dan l-aħħar wasslet lill-Kumitat biex jagħmel din it-talba fl-opinjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-White Paper dwar it-Trasport (TEN 257, rapporteur is-Sur Barbadillo Lopez) ([3]):

([3]) ĠU C 161 tat-13.7.2007, p. 89.

"Il-leġislazzjoni soċjali li tkopri t-trasport bit-triq għandha żżomm it-trattament ugwali lejn il-ħaddiema, kemm jekk huma impjegati kif ukoll jekk jaħdmu għal rashom u, għalhekk, id-Direttiva 15/2002 tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-persuni li jwettqu attivitajiet ta' mobilità relatati mat-trasport bit-triq iridu japplikaw b'effett immedjat fuq il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, mingħajr perjodu transitorju, peress li l-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiġi żgurata s-sigurtà fit-triq, li tevita t-tfixkil tal-kompetizzjoni u tippromovi kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol" (punt 4.3.1.2).

4.3 F'dan l-isfond, il-KESE jixtieq jesprimi dubji serji dwar il-konklużjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza fit-toroq, il-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni u l-aspetti soċjali msemmija fl-istudju.

4.4 Il-KESE jemmen li, jekk veru hemm rieda li tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, li titrawwem il-kompetizzjoni ġusta u li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli u li jaħdmu għal rashom — u b'mod partikolari s-saħħa fiżika u mentali tagħhom — l-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE għandha tinkludi s-sewwieqa li jaħdmu għal rashom.

4.5 Is-sigħat eċċessivi ta' xogħol huma fattur ewlieni li jikkontribwixxi għall-għeja u għal sewwieq li tmur għajnu bih waqt is-sewqan, u b'hekk li jnaqqas is-sikurezza fit-toroq. Jistgħu tinkiseb sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd meta l-prezzijiet imħallsa lis-sotto-kuntratturi mill-kumpaniji l-kbar li jorganizzaw l-aspetti kollha tad-distribuzzjoni u t-trasport tal-merkanzija iħarsu l-leġislazzjonijiet soċjali li għandha x'taqsam mas-settur, għall-ħaddiema mobbli kif ukoll is-sewwieqa li jaħdmu għal rashom.

4.6 L-esklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom mill-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE mhux bilfors toħloq aktar stress, għax is-sewwieqa li jaħdmu għal rashom ser ikunu soġġetti għal pressjonijiet mill-kuntratturi tagħhom biex ibaxxu l-prezzijiet. Huma jkollhom jaħdmu ħinijiet itwal biex ikollhom l-istess qligħ, għad-dannu tas-sikurezza fit-toroq, saħħithom u l-bilanċ — diġà prekarju — bejn il-ħajja professjonali u dik tal-familja.

4.7 Madankollu għall-KESE, l-inklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fl-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE tippresupponi t-traspożizzjoni korretta tad-direttiva, partikolarment tad-definizzjoni ta' sewwieq li jaħdem għal rasu.

4.8 Il-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattat, għandha tiżgura traspożizzjoni korretta mill-Istati Membri tad-definizzjoni ta' "xufier li jaħdem għal rasu" hekk kif stipulata fl-Artikolu 3 (e) ([4]) tad-direttiva. Jekk Stat Membru jrid jiġġieled, il-fenomenu tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom foloz, din hija l-kundizzjoni li l-ewwel li għandu jistabbilixxi.

4.9 Barra minn hekk, l-inklużjoni ta' sewwieqa li jaħdmu għal rashom għandha tkun akkumpanjata minn emenda tad-Direttiva li għandha x'taqsam mar-responsabbiltà li jġorru bejniethom l-atturi differenti fil-katina tat-trasport. L-Artikolu 10 (4) tar-Regolament dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ ([5]) jistipula li "Impriżi, kunsinjatarji, burdnara, operaturi ta' ġiti, kuntratturi prinċipali, sotto-kuntratturi u l-aġenziji għall-impjieg tax-xufiera għandhom jiżguraw illi l-iskedi tal-ħin tat-trasport miftiehma f'kuntratt iħarsu dan ir-Regolament". Din il-responsabbiltà maqsuma għandha tiġi estiża għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni f'dak li hu ħin tax-xogħol. Dan jgħin biex jistabbilixxi kundizzjonijiet indaqs għall-ħaddiema mobbli u s-sewwieqa li jaħdmu għal rashom; meta dawn ta' l-aħħar jinsabu f'sitwazzjoni ta' sotto-kuntratturi, ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet biex ibaxxu l-prezzijiet tagħhom billi jaħdmu għal sigħat twal. B'hekk sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta li tkun għad-detriment tal-ħaddiema mobbli, tista' tkun evitata.

4.10 Il-konklużjonijiet ta' l-istudju fir-rigward ta' l-istress addizzjonali li ġġib magħha l-inklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fl-ambitu tad-direttiva ma' tantx jidhru raġonevoli għall-KESE. Id-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol li l-konsulenti użaw mhix ċara. Jekk is-sewwieqa li jaħdmu għal rashom huma obbligati, waqt xogħolhom, jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' l-operazzjonijiet tat-trasport tagħhom kollha — kompiti li l-ħaddiema mobbli mhumiex obbligati — dan żgur iwassal għal stress addizzjonali. Jekk jagħmlu l-istess tip ta' attivitajiet bħall-ħaddiema mobbli fl-istess sigħat tax-xogħol, huwa diffiċli li wieħed jifhem għalfejn is-sewwieq li jaħdem għal rasu għandu jkollu aktar stress mill-ħaddiem mobbli.

4.11 Barra minn hekk, jekk it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol jgħin biex titnaqqas l-għeja iżda joħloq l-istress, il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom huma mġegħla jagħżlu bejn żewġ sitwazzjonijiet li t-tnejn huma spjaċevoli. Fil-fehma tal-KESE, is-sikurezza fit-toroq hija l-ewwel prijorità u l-għeja kawża ta' sigħat twal ta' xogħol, inkluż il-ħin tas-sewqan, tista' twassal għal inċidenti fit-toroq, kemm jekk is-sewwieq ikun mobbli u kemm jekk jaħdem għal rasu. Huwa mifhum li l-kompiti amministrattivi ġenerali kif deskritti fid-direttiva (Artikolu 3, a-2) m'humiex inklużi fid-definizzjoni ta' ħin tax-xogħol.

4.12 Barra minn hekk l-istudju jonqos milli jgħid — u l-Kummissjoni taqbel mar-raġunament tiegħu — li l-istress tas-sewwieqa jista' jibqa' jeżisti u jiżdied anke jekk jiġu esklużi mid-Direttiva, għax il-kuntratturi żgur ser jgħollu din il-possibbiltà sabiex jagħmlu pressjoni fuq is-sewwieqa biex ikomplu jbaxxu l-prezzijiet tagħhom.

4.13 Il-Kummissjoni ssostni l-fatt li l-Kunsill m'aċċetta l-ebda rekwiżitu għal kontroll sistematiku minimu tar-regoli dwar il-ħinijiet tax-xogħol. Il-KESE, bħall-Kummissjoni, mhux kuntent

([4]) L-Artikolu 3(e), "xufier li jaħdem għal rasu jfisser kwalunkwe bniedem li l-okkupazzjoni ewlenija tiegħu hija li jittrasporta passiġġieri jew merkanzija fit-toroq għall-kiri jew għall-qligħ fil-qofol tat-tifsira tal-leġislazzjoni tal-Komunità permezz tal-koperta ta' liċenzja tal-Komunità jew ta xi awtorizzazzjoni professjonali oħra biex iwettaq it-trasport imsemmi qabel, li huwa intitolat li jaħdem għal rasu u li mhux marbut ma xi ħadd li jimpjegah bkuntratt ta impieg jew bxi tip ieħor ta relazzjoni bġerarkija tax-xogħol, li huwa liberu li jorganizza l-attivitajiet relevanti tax-xogħol, li l-introjtu tiegħu jiddependi direttament mill-profitti magħmula u li għandu l-libertà li, individwalment jew permezz ta kooperazzjoni bejn sewwieqa li jaħdmu għal rashom, ikollu relazzjonijiet kummerċjali ma' diversi klijenti Għall-iskopijiet ta din id-direttiva, dawk is-sewwieqa li ma jissodisfawx dawn il-kriterji għandhom ikunu soġġetti għall-istess obbligazzjonijiet u jibbenefikaw mill-istess drittijiet bħal dawk li hemm provvediment dwarhom għall-ħaddiema mobbli bdin id-direttiva."

([5]) Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li temenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85.

b'din is-sitwazzjoni iżda ma' jarahiex bħala raġuni għala l-leġislazzjoni m'għandhiex tiġi adattata għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom. Il-fatt li huwa diffiċli tikkontrolla l-ħin tax-xogħol tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom ma' jfissirx li m'għandhomx isir. Ir-responsabbiltà maqsuma bejn l-atturi fil-katina tat-trasport fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tista' b'ħekk taqdi rwol sinifikanti. Jekk ikun jidher ċar li l-kuntratti bejn l-atturi differenti fil-katina tat-trasport ikunu tali li l-applikazzjoni ta' durata medja ta' 48 siegħa hija impossibbli, għall-inqas ikun hemm element wieħed li jħares is-sewwieq li jaħdem għal rasu minn ħin tas-sewqan u sigħat tax-xogħol eċċessivi.

4.14 Għall-KESE, suq intern ta' trasport bit-triq Ewropew jeħtieġ sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd, ibbażata b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni prattika effettiva tal-leġislazzjonijiet soċjali għall-industrija. Il-ħolqien ta' distinzjoni għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-ħin tax-xogħol bejn il-ħaddiema mobbli u dawk li jaħdmu għal rashom tgħin sempliċiment biex toħloq kompetizjoni inġusta. Għal din ir-raġuni, il-KESE ma' jistax jaċċetta l-possibbiltà li jiġu nklużi biss is-sewwieqa "li jaħdmu għal rashom foloz" fl-ambitu tad-direttiva.

4.15 Il-KESE jixtieq isemmi wkoll li numru ta' Stati bi strutturi differenti tas-suq ta' l-operaturi tat-trasport bit-triq, bħall-Estonja (li ftit għandha sewwieqa li jaħdmu għal rashom) u s-Slovakkja (fejn 70 % tal-ħaddiema jaħdmu għal rashom) għażlu li jinkludu lis-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fid-Direttiva 2002/15/KE. Jekk dan huwa hekk, il-KESE ma jifhimx għalfejn il-Kummissjoni tixtieq bilfors iżżomm lis-sewwieqa li jaħdmu għal rashom barra mill-ambitu tad-Direttiva 2002/15/KE għal raġunijiet ekonomiċi.

4.16 Bix-xieraq, il-Kummissjoni tagħraf li t-terminu "aspetti soċjali" jiġbor taħtu mhux biss is-saħħa, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli u li jaħdmu għal rashom, iżda wkoll ir-remunerazzjoni u l-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik privata.

4.17 Skond il-Kummissjoni, l-esklużjoni toffrilhom "il-possibbiltà ta' aktar kontroll fuq ix-xogħol u dħul ogħla, bil-ħtieġa li jinvestu aktar ħin u enerġija biex ix-xogħol irendi aktar qligħ".

4.18 Il-KESE jfakkar li d-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom mhix ċara u/jew tassumi li l-kompiti amministrattivi ġenerali ma jsirux waqt il-ħin tax-xogħol. F'dan il-każ l-KESE ma jifhimx għalfejn dħul ogħla għas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom għandu jkun attribwit għall-esklużjoni tagħhom mid-Direttiva dwar il-ħin tax-xogħol.

4.19 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-livell Ewropew bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali differenti hija essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva.

4.20 Il-Kumitat jemmen li l-inklużjoni tas-sewwieqa li jaħdmu għal rashom fl-ambitu tad-direttiva ma għandhiex twassal biex jitgħabbew b'kompiti amministrattivi żejda.

4.21 Fid-dawl ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel valutazzjoni oħra ta' l-impatt aktar fid-dettall qabel ma tħejji l-proposta leġislattiva tagħha; din il-valutazzjoni għandha tqis elementi ġodda bħar-regolament il-ġdid dwar il-ħin tas-sewqan u l-ħin tal-mistrieħ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid li din il-valutazzjoni ta' l-impatt tappoġja l-esklużjoni tas-sewwieqa li tassew jaħdmu għal rashom mill-applikazzjoni tar-regoli settorjali dwar il-ħin tax-xogħol. Il-KESE mhux konvint mill-valur miżjud ta' valutazzjoni ta' l-impatt oħra.

Brussell, id-9 ta' Lulju 2008

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS